**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 21 – IT-TNEJN, 3 TA' MARZU 2014 FIS-5.45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. Approvazzjoni Minuti Numru 20

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Punti li joħorġu mill-minuti

2.1 Rigward punt numru 5.2, is-Sinjura Joan Farrugia qalet li ma taqbilx. Ġie deċiż li jsir komunikazzjoni mad-Direttur tal-Cleansing rigward il-frekwenza tal-knis fi Triq in-Naxxar u Vjal ir-Riħan.

2.2 Rigward punt numru 5.3, is-Sinjura Joan Farrugia staqsiet jekk kienx hemm progress. Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-kuntratt li hemm mad-Dipartiment tal-Libreriji, il-Kunsill huwa responsabbli għat-tindif. Għandu jmur perjodikament il-ħaddiem tal-Kunsill inaddaf hu.

### 3 Pagamenti Numru 19

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

### 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie ppreżentat l-Abbozz ta' Kuntratt bejn il-Kunsill u l-Kumpanija GreenPak. Ġie deċiż li jiġi ffirmat dan il-kuntratt.

4.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Malcolm Abdilla fuq il-progress tal-websajt tal-Kunsill. Is-Sur Abdilla nforma lill-Kunsill li għadu qed jaħdem fuqha.

**5 Korrispondenza**

5.1 Ġiet innutata r-risposta negattiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Memo 25/2013, finanzjament għall-attivitajiet kulturali. Ġie deċiż li tintalab kjarifika għar-raġuni tar-refusal.

5.2 Ġiet diskussa t-talba biex issir wirja ta' karozzi f'Misraħ Lourdes fid-9 ta' Mejju. Ġie deċiż li tintbagħat No Objection għal din l-attività.

5.3 Ġiet diskussa t-talba biex issir purċissjoni fl-okkażjoni ta' hatra ta' Christian Anthony Borg bħala patri ġdid. Ġie deċiż li tintbagħat No Objection għal din l-attività.

**6 Affarjiet oħra**

6.1 Is-Sur Neville Mallia staqsa rigward il-proposta biex issir zebra crossing fi Triq Bella Vista. Ġie deċiż li terġa' tintbagħat it-talba lil Transport Malta, u jinġabru kwotazzjonijiet għal belisha crossing.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni li fi Triq il-Pepprin qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Ġie deċiż li titwaħħal tabella "Clean up after your Dog" f'din it-triq.

6.3 Is-Sinjura Rita Saliba fakkret li hemm tabella nieqsa fi Triq in-Naxxar.

6.4 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li s-CEO tal-PBS għadu ma ltaqax miegħu u qed jistenna data ġdida wara li ġie kkanċellat l-appuntament li kien hemm ippjanat. Hu talab ukoll biex isir komunikazzjoni mal-pulizija biex isiru aktar patrol fi Ġnien Karen Grech minħabba rapport ta' illegalitajiet f'dan il-ġnien.

6.5 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-Kunsill taż-Żgħażagħ iltaqa' ghall-ewwel darba. Hu nforma lill-Kunsill li ser isiru 8 wirjiet għall-Ġimgħa l-Kbira f'San Ġwann u talab biex isir leaflet fuq dawn l-wirjiet. Ġie deċiż li jsir dan il-leaflet. Hu ppropona li t-tqassim ta' dan il-leaflet isir mill-Posta u mhux mit-3D distributors għax għandhom prezz aktar vantaġġjuż. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 5 favur, 1 kontra u 3 astensjoni.

6.6 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li t-tliet siġriet minn Triq iċ-Ċedru inqalgħu. Hu talab biex issir bozza ġdida fi Triq R Caruana Dingli fil-parti l-ġdida li hija Kul de Sac. Kien hemm qbil. Hu nforma lill-Kunsill li hemm bżonn jinbidel 50 metru wire tad-dawl. Għandu jiġi vverifikat dan. Hu nforma lill-Kunsill li Transport Malta mhux ser jibdlu l-floodlight fuq iż-zebra crossings fi Vjal ir-Riħan u Triq in-Naxxar.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |